# Il-Pjan tas-Salvazzjoni



## X' Inhu l-Pjan tas-Salvazzjoni?

Il-pjan tas-salvazzjoni* hu l-pjan ta' Alla għall-ferħ ta' wliedu. Il-qofol tiegħu hu l-Att tal-Fidwa ta' Ġesù Kristu. Jekk inti timxi wara t-tagħlim ta' Ġesù Kristu, inti ssib ġewwa fik sliem dejjiem f' din il-ħajja u ferħ etern wara l-mewt.

Hekk kif titgħallem dwar il-pjan tas-salvazzjoni, inti ssib tweġiba għal dawn il-mistoqsijiet: "Jien minn fejn ġejt?" "X' inhu l-iskop tiegħi fil-ħajja?" "Fejn sa mmur wara din il-ħajja?"

## Jien Minn Fejn Ġejt?

Ħajtek la bdiet fit-twelid, u lanqas sa tintemm mal-mewt. Inti magħmul minn ġisem ta' spirtu (xi kultant jissejjaħ ir-ruħ) u minn ġisem fiżiku. Missierna tas-Smewwiet ħoloq l-ispirtu tiegħek, u inti għixt Miegħu bħala spirtu qabel ma twelidt hawn fid-dinja. Inti kont tafu u kont tħobbu, u Huwa kien jafek u kien iħobbok. Dan il-perjodu jissejjaħ il-ħajja primortali.

> *"Il-pjan tas-[salvazzjoni] . . . ġie mħejji mill-bidu nett tad-dinja, permezz ta' Kristu, għal dawk kollha li jemmnu f' ismu."*
>
> **Alma 22:13**

Tul il-ħajja primortali tiegħek, inti ġejt mgħallem dawk il-prinċipji u l-kmandamenti li jwassluk għall-ferħ. Inti kbirt fl-intelliġenza u tgħallimt tħobb il-verità. Inti ġejt mgħallem dwar il-pjan tas-salvazzjoni. Tul il-ħajja primortali, Ġesù Kristu ngħażel bħala s-Salvatur; inti tgħallimt li permezz Tiegħu tkun kapaċi tegħleb l-effett tal-għażliet ħżiena tiegħek.

Parti importanti mill-pjan ta' Alla kienet li int tiġi hawn fid-dinja sabiex tirċievi ġisem fiżiku u biex titgħallem tagħżel it-tajjeb. Inti ma tiftakarx li kont tgħix fil-preżenza ta' Missierna tas-Smewwiet, iżda Huwa jagħtik il-kapaċità li tagħraf bejn it-tajjeb u l-ħażin. Inti tkun kapaċi tagħraf l-imħabba u l-verità Tiegħu. Permezz tal-esperjenzi tiegħek u l-isfidi li tħabbat wiċċek

*Il-kliem li qiegħed bl-aħmar għandek issib tifsira tiegħu f' paġni 18 u 19.

***Il-Familja hija ċentrali fil-pjan tal-Missier tas-Smewwiet.***





magħhom fil-ħajja, inti tista' titgħallem biex konsistentament tagħżel it-tajjeb. Bl-għajnuna ta' Ġesù Kristu, inti tkun tista' terġa' tmur tgħix ma' Missierna tas-Smewwiet meta tintemm il-ħajja tiegħek f' din id-dinja.

Fil-ħajja primortali tiegħek, inti tgħallimt li tista' tikseb biss is-sodisfazzjoni u l-paċi dejjiema f' din il-ħajja u fl-eternità jekk inti tagħżel li timxi wara l-pjan ta' Alla. Għax iħobbok, Missierek tas-Smewwiet tak l-għażla ħielsa, jew il-qawwa li tagħżel. Huwa ħalliek tagħżel int jekk tridx timxi wara l-pjan Tiegħu u wara l-Mulej Ġesù Kristu.

> *Għalkemm ma bqajtx tiftakar, qabel ma inti ġejt hawn fid-dinja inti kont tgħix fil-preżenza ta' Alla, il-Missier Etern Tiegħek, u ta' Ibnu, Ġesù Kristu. Inti għajjatt bil-ferħ meta ġejt mogħti l-privileġġ li tiġi hawn fid-dinja sabiex tirċievi ġisem u timxi wara l-pjan ta' ferħ ta' Alla.*

Satana, wieħed mill-ulied spirti ta' Alla, irribella kontra Missierna tas-Smewwiet u ma aċċettax il-pjan Tiegħu. Huwa ried jisfurzana lkoll ħalli nagħmlu r-rieda tiegħu. Sfortunatament, kienu bosta wlied Missierna tas-Smewwiet li għażlu li jimxu wara Satana. Satana u d-dixxipli tiegħu tkeċċew mill-preżenza ta' Alla u ma tħallewx jitwieldu hawn fid-dinja. Huma jkomplu jeżistu bħala spirti. Huma miżerabbli, u jriduk tkun miżerabbli. Huma jippruvaw iwaqqgħu lilek, u lill-ulied kollha ta' Alla, biex tagħmel dawk il-ħwejjeġ li jwassluk fin-niket u li ma jogħġbux lil Alla.

Fil-ħajja primortali, inti għażilt li jkollok il-fidi f' Ġesù Kristu u li timxi wara l-pjan ta' Alla. Minħabba l-għażliet li għamilt, inti ġejt imwieled hawn fid-dinja. Huwa biss jekk inti tagħmel dawn l-istess għażliet li inti ssib il-paċi f' din il-ħajja u tkun kapaċi terġa' lura sabiex tgħix ma' Missierna tas-Smewwiet meta tintemm din il-ħajja.

Il-kliem li qiegħed bl-aħmar għandek issib tifsira tiegħu f' paġni 18 u 19.

***Matul din il-ħajja għandna ħafna x' nitgħallmu u x' nesperjenzaw.***

# X' Inhu l-Iskop Tiegħi fil-Ħajja?

## Il-Ħolqien u l-Waqgħa

Id-dinja ġiet maħluqa bħala post li fih ulied Missierna tas-Smewwiet jgħixu u jiksbu l-esperjenza. Adam u Eva kienu l-ewwel fost ulied Alla li ġew hawn fid-dinja. Huma għexu f' post jissejjaħ il-Ġnien tal-Eden, fejn kienu għadhom fil-preżenza ta' Alla.

Missierna tas-Smewwiet ta l-għażla ħielsa lil Adam u Eva, jew il-libertà li jagħżlu. Huwa kkmandahom sabiex ma jiklux minn frott is-siġra li kellha l-għarfien li tagħraf bejn it-tajjeb u l-ħażin. Li jobdu dan il-kmandament kien ifisser li huma setgħu jibqgħu fil-ġnien, iżda hekk ma setgħu qatt javvanzaw billi jitgħallmu mill-esperjenzi u l-isfidi li jħabbtu wiċċhom magħhom fil-ħajja. Satana ttanta lil Adam u Eva sabiex jieklu l-frotta pprojbita, u huma għażlu li jagħmlu dan. Dan kien parti mill-pjan ta' Alla. Minħabba d-deċiżjoni tagħhom, huma ġew isseparati mill-preżenza ta' Alla, kemm fiżikament kif ukoll spiritwalment. Huma saru mortali, li jfisser li saru suġġett għad-dnub u l-mewt. Huma ma setgħux jerġgħu lura fil-preżenza Tiegħu mingħajr l-għajnuna Tiegħu. Is-separazzjoni fiżika u spiritwali tagħhom minn Alla tissejjaħ il-Waqgħa.

Missierna tas-Smewwiet bagħat numru ta' anġli kif ukoll l-Ispirtu s-Santu sabiex jgħallmu l-pjan tas-salvazzjoni lil Adam u Eva. Fil-qofol ta' dan il-pjan hemm l-Att tal-Fidwa ta' Ġesù Kristu, li jagħti ċ-ċans lil ulied Alla jegħlbu l-effetti tal-Waqgħa u jkollhom il-ferħ kemm f' din il-ħajja kif ukoll fl-eternità.

Il-kliem li qiegħed bl-aħmar għandek issib tifsira tiegħu f' paġni 18 u 19.

*"Kieku Adam ma dinibx huwa ma kienx jaqa' , iżda kien jibqa' fil-ġnien tal-Eden. . . .*

*"U [Adam u Eva] ma kienx ikollhom tfal; b' hekk kienu jibqgħu fi stat ta' innoċenza, fejn ma kienx ikollhom ferħ, għaliex ma kinux ikunu jafu bl-ebda miżerja; ma kinux jagħmlu t-tajjeb, għaliex ma kienu jkunu jafu bl-ebda dnub.*

*"Iżda ara, kollox seħħ fil-għerf ta' dak li jaf kollox.*

*"Adam waqa' sabiex jinħoloq il-bniedem; u l-bniedem ġie maħluq biex ikun ferħan."*

**2 Nephi 2:22–25**



### Il-Ħajja Tiegħek f' Din id-Dinja

Minħabba l-Waqgħa, inti mifrud minn Alla kemm fiżikament kif ukoll spiritwalment. Din is-separazzjoni hija parti mill-pjan ta' Alla għal uliedu. L-għan li għalih inti ħallejt il-preżenza Tiegħu sabiex tiġi hawn fid-dinja jinkludi fost l-oħrajn li inti tikseb ġisem fiżiku, li tikseb l-esperjenza, u li titgħallem tagħmel għażliet xierqa.

*"Jien iben Alla.*
*Hu lili bagħatni hawn,*
*U fuq din l-art hu tani dar*
*B' ġenituri twajbin.*
*Iggwidani, imxi ħdejja,*
*Għinni t-triq insib.*
*Għidli x' għandi*
*nagħmel jien*
*Biex miegħu nerġa' nkun."*

***Hymns*, no. 301**

Bosta aspetti fil-ħajja jġibu l-ferħ, u oħrajn iġibu n-niket. Dawn l-esperjenzi jgħinuk titgħallem tiddistingwi bejn it-tajjeb u l-ħażin u tagħmel għażliet tajba. Alla jinfluwenzak biex tagħmel it-tajjeb u timxi warajh, filwaqt li Satana jipprova jwaqqgħek fit-tentazzjoni li tinjora lil Alla u tikkommetti d-dnub. (Id-dnub hu meta tagħżel konxjament li tagħmel il-ħażin jew li ma tagħmilx dak li hu tajjeb.) Meta tagħżel li timxi wara Alla u żżomm il-kmandamenti Tiegħu, inti tikber fil-għerf u tissaħħaħ fil-karattru. Inti tista' tesperjenza l-ferħ anke fi żminijiet diffiċli, u tkun tista' tiffaċċja l-isfidi tal-ħajja bi spirtu ta' paċi.

Inti għamilt bosta għażliet tajba f' ħajtek, iżda għamilt ukoll xi għażliet ħżiena. Meta tagħmel għażliet ħżiena u tikkommetti d-dnub, xi ftit jew wisq inti tissepara lilek innifsek minn Alla. L-iskrittura issejjaħ din is-separazzjoni il-mewt spiritwali. Barra li jisseparak minn Alla, id-dnub jitfa' fuqek ukoll sens ta' ħtija u mistħija. Ma tistax tegħleb id-dnub u l-effetti tiegħu mingħajr għajnuna.

Il-kliem li qiegħed bl-aħmar għandek issib tifsira tiegħu f' paġni 18 u 19.

***Għandna bir-reqqa kollha nikkunsidraw l-għażliet li nagħmlu.***

### L-Att tal-Fidwa ta' Ġesù Kristu

Għax Missierek tas-Smewwiet iħobbok, Huwa bagħat lil Ibnu, Ġesù Kristu, biex ipatti għal dnubietek. Dan il-ħlas huwa parti mill-Att tal-Fidwa ta' Ġesù Kristu. Ġesù Kristu volontarjament sofra għad-dnubiet, għall-uġigħ, għall-mard u n-niket tiegħek. Permezz tal-grazzja u l-ħniena Tiegħu, Huwa jista' jgħinek fl-isfidi tiegħek u jeħilsek mill-ħtija u l-mistħija b' riżultat tad-dnubiet tiegħek.

> *"Għax Alla hekk ħabb lid-dinja li ta lil Ibnu l-waħdieni, biex kull min jemmen fih ma jintilifx, iżda jkollu l-ħajja ta' dejjem."*
>
> **Ġwanni 3:16**

Għalkemm ħallas għal dnubietek, Ġesù ma eliminax minn fuqek l-għażla ħielsa jew ir-responsabbiltà personali tiegħek—Huwa mhux sa jnaddfek kontra r-rieda tiegħek. Sabiex tirċievi l-għajnuna u l-qawwa Tiegħu, hemm bżonn li inti teżerċita l-fidi tiegħek fih, tindem, titgħammed, tirċievi l-Ispirtu s-Santu, u tagħżel li timxi wara t-tagħlim tiegħu għall-kumplament ta' ħajtek. Hekk kif tafda fl-Att tal-Fidwa, inti tħoss l-imħabba ta' Alla, u Huwa jgħinek fl-isfidi li tiffaċċja f' ħajtek. Inti tesperjenza l-ferħ, il-paċi u l-faraġ. Dak kollu li jidher inġust fil-ħajja jista' jissewwa permezz tal-Att tal-Fidwa ta' Ġesù Kristu u l-ħniena u l-imħabba ta' Missierna tas-Smewwiet. L-Att tal-Fidwa huwa l-qofol tal-pjan tas-salvazzjoni.

## Fejn Sa Mmur Wara Din il-Ħajja?

Mill-perspettiva umana, il-mewt fiżika tista' tidher bħala t-tmiem, iżda fil-verità hija l-bidu, pass 'il quddiem fil-pjan ta' Missierna tas-Smewwiet. Mal-mewt, l-ispirtu tiegħek iħalli ġismek u jmur fid-dinja tal-ispirti, li huwa post ta' tagħlim u tħejjija. Fid-dinja tal-ispirti, tibqa' tiftakar dak kollu li tgħaddi minnu f' din il-ħajja.

Il-kliem li qiegħed bl-aħmar għandek issib tifsira tiegħu f' paġni 18 u 19.

***Is-Salvatur sofra għal dnubietna fil-Ġnien tal-Ġetsemani.***



*Kif tmut l-ispirtu tiegħek iħalli ġismek u jmur fid-dinja tal-ispirti, post ta' tħejjija, tagħlim, u serħan mill-inkwiet u n-niket.*

Il-mewt ma tibdilx il-personalità tiegħek jew ix-xewqat tiegħek li tagħmel it-tajjeb jew il-ħażin. Jekk fil-ħajja tiegħek f' din id-dinja inti tagħżel li timxi wara Kristu, fid-dinja tal-ispirti inti tkun fil-paċi u tistrieħ mill-inkwiet kollu tiegħek. Dawk li jagħżlu li ma jimxux wara Ġesù Kristu u ma jindmux ikunu mdejqin.

Missierna tas-Smewwiet kien jaf li ħafna minn uliedu mhux sa jkollhom l-opportunità li f' ħajjithom jitgħallmu dwar Ġesù Kristu u li xi oħrajn jagħżlu li ma jimxux warajh. Għaliex Huwa jħobb lil uliedu, Alla pprovda mod kif dawk li qegħdin fid-dinja tal-ispirti jitgħallmu dwar il-pjan Tiegħu, ikollhom il-fidi f' Ġesù Kristu, u jindmu. Dawk li jaċċettaw lil Kristu u jimxu warajh ikollhom il-paċi u s-serħan.

## Ir-Reżurrezzjoni u l-Ġudizzju

Wieħed mill-akbar rigali li Alla ta lil kull min jiġi hawn fid-dinja hija r-reżurrezzjoni, li saret possibbli permezz tal-Att tal-Fidwa ta' Ġesù Kristu. Meta Ġesù miet fuq is-salib, l-ispirtu Tiegħu mar fid-dinja tal-ispirti. Tliet ijiem wara, l-ispirtu Tiegħu ngħaqad mal-ġisem glorifikat u perfett Tiegħu, li ma setax aktar imut. Din l-għaqda mill-ġdid tal-ġisem u l-ispirtu tissejjaħ ir-*reżurrezzjoni*. Kull min jitwieled f' din id-dinja għad jerġa' jqum mill-imwiet.

Wara li tqum mill-mewt, inti tmur quddiem Alla sabiex tiġi ġġudikat skont l-għemejjel tiegħek u x-xewqat ta' qalbek.

Il-kliem li qiegħed bl-aħmar għandek issib tifsira tiegħu f' paġni 18 u 19.

***Is-Salvatur imqajjem mill-imwiet deher lil Marija.***



## Livelli ta' Glorja

Wara li tiġi ġġudikat, inti tgħix f' xi stat ta' glorja. Peress li l-għemejjel u x-xewqat ta' kulħadd huma varji, is-smewwiet jinkludi fih diversi saltniet, jew livelli ta' glorja.

**Is-saltna ċelestjali.** Missierna tas-Smewwiet u Ġesù Kristu jgħammru fis-saltna ċelestjali. Jekk tgħix skont l-evanġelju ta' Ġesù Kristu u titnaddaf mid-dnub permezz tal-Att tal-Fidwa, inti tirċievi post f' din is-saltna, l-ogħla waħda. Inti tgħix fil-preżenza ta' Alla u tħoss il-milja tal-ferħ.

**Is-saltna terrestjali.** Dawk li jirrifjutaw li jaċċettaw l-evanġelju ta' Ġesù Kristu iżda jgħixu ħajja onorabbli jirċievu post fis-saltna terrestjali.

**Is-saltna telestjali.** Dawk li jkomplu jgħixu fid-dnub u ma jindmux jirċievu post fis-saltna telestjali.

### Is-salvazzjoni saret possibbli permezz tal-Att tal-Fidwa ta' Ġesù Kristu.



## Xi Jfisser il-Pjan Għalik?

Meta inti tifhem li Alla huwa Missierek, li Huwa jħobbok u li Hu għamilha possibbli għalik li f' din id-dinja inti tikseb l-esperjenza u l-għarfien u wara din il-ħajja ssir bħalu, inti ssir konxju tal-importanza tad-deċiżjonijiet tiegħek f' din il-ħajja. Inti tifhem li għandek timxi wara Ġesù Kristu sabiex tirċievi l-barkiet sħaħ tal-pjan ta' Missierna tas-Smewwiet.



## Kif Nista' Nsir Naf Dan?

Permezz tar-Restawrazzjoni tal-evanġelju ta' Ġesù Kristu permezz tal-Profeta Joseph Smith aħna ksibna għarfien akbar tal-pjan tas-salvazzjoni.

Inti tista' tkun taf jekk dan kollu huwiex veru billi tistaqsi lil Missierek tas-Smewwiet fit-talb tiegħek. Huwa jwieġeb it-talb tiegħek permezz tal-Ispirtu s-Santu. L-Ispirtu s-Santu jissejjaħ ukoll l-Ispirtu ta' Alla, u wieħed mill-irwoli Tiegħu hu li jagħti xhieda, jew testimonjanza, tal-verità. L-Ispirtu s-Santu jiżvela u jikkonferma l-verità permezz tas-sentimenti, tal-ħsibijiet, u ta' ċerti impressjonijiet. Is-sentimenti li jkunu ġejjin mill-Ispirtu s-Santu huma qawwijin, iżda ħafna drabi huma wkoll sottili u kwieti. Kif huwa mgħallem fil-Bibbja, "Il-Frott tal-Ispirtu huwa l-imħabba, l-hena, is-sliem, is-sabar, il-ħniena, it-tjieba, il-fidi, il-ħlewwa [u] ir-rażan" (Galatin 5:22–23). Dawn is-sentimenti huma konferma mill-Ispirtu s-Santu li dan il-messaġġ huwa veru. Imbagħad ikollok bżonn tagħżel jekk inti tridx tgħix f' armonija mat-tagħlim ta' Ġesù Kristu kif ġie rrestawrat permezz ta' Joseph Smith.

### *Kif Għandi Nitlob?*

- *Indirizza lil Missierek tas-Smewwiet.*
- *Esprimi s-sentimenti ta' qalbek (gratitudni, mistoqsijiet, talb għall-konferma tal-verità tal-Ktieb ta' Mormon u ta' dak li għallmuk il-missjunarji).*
- *Agħlaq ("Fl-isem ta' Ġesù Kristu, amen").*

***Inti tista' ssir taf il-verità permezz tat-talb sinċier.***



## Lista ta' Kliem

**Dinja tal-ispirti** Fejn l-ispirti tagħna jmorru fil-perjodu ta' bejn il-mewt u r-reżurrezzjoni. Għal dawk li kienu ġusti matul ħajjithom, id-dinja tal-ispirti tkun għalihom post ta' paċi u ferħ.

**Grazzja** Għajnuna u qawwa divina mogħtija lilna permezz tal-ħniena u l-imħabba ta' Ġesù Kristu. Permezz tal-grazzja Tiegħu, li kienet possibbli permezz tal-Att tal-Fidwa Tiegħu, l-umanità kollha sa tqum mill-imwiet. Permezz tal-grazzja Tiegħu, dawk li kontinwament jindmu u jgħixu skont l-evanġelju Tiegħu iħossuhom, f' din il-ħajja, kontinwament viċin Missierna tas-Smewwiet, u jgħixu fil-preżenza Tiegħu wara din il-ħajja.

**Il-ħajja qabel ġejna fid-dinja** Il-ħajja tagħna qabel ma twelidna hawn fid-dinja. Fil-ħajja tagħna qabel twelidna f' din id-dinja, aħna għexna fil-preżenza ta' Missierna tas-Smewwiet bħala l-ulied spirti Tiegħu. Ma kellniex ġisem fiżiku.

**Il-Waqgħa** Il-ġrajja li permezz tagħha l-umanità saret mortali. Irriżultat f' separazzjoni minn Alla, kemm spiritwali kif ukoll fiżika. Peress li Adam u Eva, l-ewwel umani, m' obdewx il-kmandamenti ta' Alla, huma ġew isseparati mill-preżenza Tiegħu (din is-separazzjoni tissejjaħ ukoll il-mewt spiritwali) u saru mortali (suġġett għall-mewt fiżika). Bħala dixxendenti ta' Adam u Eva, aħna wkoll isseparati minn Alla u suġġett għall-mewt fiżika. L-Att tal-Fidwa ta' Ġesù Kristu jegħleb kemm il-mewt fiżika kif ukoll dik spiritwali.

**Att tal-Fidwa** L-avveniment li permezz tiegħu nistgħu nirrikonċiljaw ruħna ma' Alla. L-Att tal Fidwa huwa meta Kristu sofra l-prezz tad-dnub, fejn b' hekk neħħa l-effett tad-dnub minn fuq dawk il-midinbin li jindmu. Ġesù Kristu kien l-uniku wieħed li kapaċi jwettaq l-Att tal-Fidwa b' mod perfett għall-umanità kollha. L-Att tal-Fidwa Tiegħu jinkludi s-sofferenza Tiegħu għal dnubietna, it-tixrid ta' demmu, u l-mewt u r-Reżurrezzjoni Tiegħu. Minħabba l-Att tal-Fidwa, kull min qatt għex fid-dinja jerġa' jqum mill-imwiet. L-Att tal-Fidwa jipprovdilna wkoll mod kif aħna nistgħu ninħafru minn dnubietna u kif ngħixu għal dejjem ma' Alla.

**L-għażla ħielsa** Id-don mingħand Alla biex nagħżlu bejn it-tajjeb u l-ħażin, bejn dak li hu ġust u dak li mhuwiex.

**Mewt fiżika** Is-separazzjoni tal-ispirtu mill-ġisem mortali. Meta l-ġisem fiżiku jmut, l-ispirtu jkompli jgħix fid-dinja tal-ispirti. Aħna negħlbu l-mewt fiżika permezz tar-reżurrezzjoni, li saret possibbli permezz tal-Att tal-Fidwa ta' Ġesù Kristu.

**Mewt spiritwali** Is-separazzjoni minn Alla li hi riżultat tad-diżubbidjenza lejn il-kmandamenti Tiegħu. Aħna salvati mill-mewt spiritwali permezz tal-Att tal-Fidwa ta' Ġesù Kristu hekk kif nindmu u nżommu l-kmandamenti Tiegħu.

**Ordinanza** Att sagru u formali mwettaq bl-awtorità tas-saċerdozju. Eżempji jinkludu l-magħmudija, l-għotja tal-Ispirtu s-Santu u s-sagrament. Ħafna drabi l-ordinanzi huma mezz kif nistgħu nagħmlu ċerti patti ma' Alla.

**Pjan tas-salvazzjoni** Il-pjan ta' Missierna tas-Smewwiet jagħtina ċ-ċans li nsiru bħalu u nirċievu l-milja tal-ferħ. Il-qofol tal-pjan huwa l-Att tal-Fidwa ta' Ġesù Kristu u jinkludi fih il-kmandamenti u l-ordinanzi kollha, u t-tagħlim kollu tal-evanġelju.

**Reżurrezzjoni** L-unjoni mill-ġdid, wara l-mewt fiżika, bejn l-ispirtu u l-ġisem fiżiku perfett tal-laħam u l-għadam. Ġesù Kristu kien l-ewwel wieħed li qam mill-imwiet. Wara r-reżurrezzjoni, l-ispirtu u l-ġisem qatt aktar ma jerġgħu jisfaw isseparati, u l-persuna tgħix għal dejjem. Minħabba l-Att tal-Fidwa, kull min qatt għex jerġa' jqum mill-imwiet.

**Salvazzjoni** Ħelsien mid-dnub u mill-mewt. Is-salvazzjoni saret possibbli permezz tal-Att tal-Fidwa ta' Ġesù Kristu. Permezz tal-Qawmien mill-Imwiet ta' Ġesù Kristu, kulħadd sa jegħleb l-effetti tal-mewt. Nistgħu nsalvaw ukoll mill-effetti tad-dnub permezz tal-fidi f' Ġesù Kristu. Din il-fidi tiġi manifestata meta f' ħajtek inti tindem u tobdi l-liġijiet u l-ordinanzi tal-evanġelju u tkun ta' servizz għal Kristu.

**Spirtu** Il-parti tal-persuna li għexet ma' Missierna tas-Smewwiet qabel it-twelid. Tul il-ħajja tiegħu f' din id-dinja, l-ispirtu jingħaqad flimkien ma' ġisem fiżiku. L-ispirtu jkompli jgħix wara l-mewt.

## Studju Addizzjonali

Il-mistoqsijiet u l-iskrittura li se ssib hawn taħt jgħinuk titgħallem aktar dwar il-prinċipji f' dan il-pamflet biex tixtarr fuqhom. Il-lista mhix waħda kompleta; in-noti f' qiegħ il-paġna u r-referenzi fl-iskrittura jirreferuk għal passaġġi u riżorsi addizzjonali.

**X' kienet ir-relazzjoni tiegħek ma' Alla qabel twelidt?**
Ġeremija 1:5 (Bibbja, Testment il-Qadim)
Lhud 12:9 (Bibbja, Testment il-Ġdid)

**X' inhi l-Waqgħa? Għaliex kienet neċessarja?**
2 Nephi 2:14–26 (Book of Mormon, paġni 58–59)
Alma 42:2–9 (Book of Mormon, paġni 311–12)

**X' inhu l-iskop tal-ħajja tiegħek hawn fid-dinja? Dan l-għarfien kif jista' jaffettwa d-deċiżjonijiet li inti tieħu ta' kuljum?**
2 Nephi 2:25–27 (Book of Mormon, paġna 59)
Alma 34:32 (Book of Mormon, paġna 295)

**X’ inhu l-Att tal-Fidwa? Kif jista’ jgħinek fil-ħajja tiegħek ta’ kuljum?**
Ġwanni 3:16–17 (Bibbja, Testment il-Ġdid)
Rumani 3:23–25 (Bibbja, Testment il-Ġdid)
2 Nephi 2:6–8 (Book of Mormon, paġna 57)
Alma 7:11–12 (Book of Mormon, paġna 225)
Alma 42:22–23 (Book of Mormon, paġni 312–13)

**X’ inhi d-dinja tal-ispirti? Hemmhekk x’ jiġri?**
1 Pietru 4:6 (Bibbja, Testment il-Ġdid)
Alma 40:11–14 (Book of Mormon, paġna 308)

**Xi jfisser li tqum mill-imwiet? Min sa jqum mill-imwiet? Għaliex ir-reżurrezzjoni hija importanti?**
2 Nephi 9:13–15 (Book of Mormon, paġni 73–74)
Alma 11:42–45 (Book of Mormon, paġni 236–37)

**X’ inhu s-smewwiet? Għaliex hemm livelli differenti ta’ glorja?**
1 Korintin 15:40–43 (Bibbja, Testment il-Ġdid)

# AGĦTI QIMA MAGĦNA

## EJJA U ARA KIF JISTA' JBERIKLEK ĦAJTEK L-EVANĠELJU RRESTAWRAT



Il-laqgħa sagramentali hija l-qofol tas-servizz ta' qima. Normalment iddum ftit aktar minn siegħa u ħafna drabi tikkonsisti f' dan li ġej:

*Innijiet:* Jitkantaw mill-kongregazzjoni. (Il-kotba tal-innijiet jiġu pprovduti.)

*Talb:* Offrut mill-membri lokali tal-Knisja.

*Is-sagrament:* Il-ħobż u l-ilma jitbierku u jitqassmu lill-kongregazzjoni b' tifkira tal-Att tal-Fidwa ta' Ġesù Kristu.

*Kelliema:* Normalment ikun hemm membru jew tnejn minn qalb il-kongregazzjoni li jiġu mitlubin sabiex jitkellmu fuq suġġetti tal-evanġelju.

*Tip ta' lbies:* L-irġiel u s-subien ġeneralment jilbsu xi libsa jew qalziet pulit bi qmis u ingravata. In-nisa u l-bniet jilbsu xi libsa twila jew dublett.

Ma jintalbux donazzjonijiet waqt is-servizz ta' qima.

Nistednuk ukoll sabiex tattendi l-laqgħat l-oħra, skont l-interessi u l-età tiegħek. L-ordni u l-frekwenza ta' dawn il-laqgħat jistgħu jvarjaw.

*Skola tal-Ħadd:* Klassijiet għall-istudju tal-iskrittura u d-duttrina tal-evanġelju.

*Laqgħat saċerdotali:* Klassijiet għall-irġiel u subien minn 12-il sena 'l fuq.

*Soċjetà tal-Għajnuna:* Klassijiet għal Nisa minn 18-il sena 'l fuq.

*Tfajliet:* Klassijiet għal bniet minn 12 sa 18-il sena.

*Primarja:* Servizz u klassijiet għal grupp ta' tfal ta' bejn 3 snin u 11-il sena. Ħafna drabi jkun hemm ukoll Nursery għal tfal ta' bejn 18-il xahar u 3 snin.



Ħin għal-laqgħa sagramentali:____________________

Indirizz tal-knisja:____________________

____________________




# *X' Għandi Nagħmel?*

- *Aqra l-Ktieb ta' Mormon.*

  *Qari pproponut:* ______________________________

  ______________________________

  ______________________________

- *Itlob sabiex tkun taf li dak li għallmu l-missjunarji huwa minnu.*
- *Attendi l-knisja.*
- *Ħejji sabiex titgħammed nhar* ______________________________
- *Żur is-sit www.mormon.org sabiex titgħallem aktar dwar il-pjan ta' Missierna tas-Smewwiet għal uliedu.*
- *Kompli ltaqa' mal-missjunarji biex titgħallem aktar dwar il-veritajiet li Alla rrestawra permezz tal-profeti tal-aħħar żminijiet.*

  *L-appuntament li jmiss:* ______________________________

  *L-ismijiet u n-numru tat-telefon tal-missjunarji:*

  ______________________________

  ______________________________

  ______________________________

IL-KNISJA TA'
ĠESÙ KRISTU
TAL-QADDISIN
TA' L-AĦĦAR JIEM

**www.mormon.org**

MALTESE
4 020111 17159 3
01117 159

**Responsabbli mir-Ritratti**
Qoxra ta' quddiem: Dettall minn *He Is Risen,* ta' Del Parson. © Del Parson. Tikkupjax
Paġna 11: Dettall minn *Christ in Gethsemane,* ta' Harry Anderson
Paġna 13: *He Is Risen,* ta' Greg Olsen. © Greg Olsen. Tikkupjax
Paġni 3, 4, 8, 22, 23 ta' Frank Helmrich

© 2005 minn Intellectual Reserve, Inc. Id-drittijiet kollha riservati. Printed in Germany.
Approvazzjoni bl-Ingliż: 11/05. Approvazzjoni tat-traduzzjoni: 11/05. Traduzzjoni ta' *The Plan of Salvation.*
Maltese. 01117 159